*Ħaż-Żebbuġ - Citta' Rohan*

## *KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ*

**AĠENDA NUMRU 25 – 6 ta' Jannar 2021**

***Minuti tal-ħamsa u għoxrin laqgħa tal-Kunsill tat-tmien Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar is-6 ta' Jannar, 2021 fil-5:30pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' ġewwa l-Kunsill Lokali fis-5:30 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda Numru 25. Il-laqgħa bdiet fil-5:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Dr. Malcolm P. Galea** | Sindku |
| | **Steve Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Philip Edrick Zammit** | Kunsillier |
| | **David Battistino** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **Patrick Bonnici** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apoloġija:** | **Mark Camilleri** | Viċi-Sindku |


***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*

**Assenti :** **Ħadd**

**Pubbliku:** **Ħadd**

**Uffiċjal preżenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Eżekuttiv

25.1 Pompa tal-Golden Lion

Waqt diskussjoni intqal li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni la mir-residenti u lanqas mill-Kunsill għall-applikazzjoni li saret fl-2014 liema applikazzjoni kienet iggib in-numru PA2057/14 - *Proposed refurbishment and upgrading of existing fuel station*.

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li fl-20 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand in-nies li ser jikru l-pompa sabiex jiltaqgħu miegħu. Dawn huwa Charlotte u Jean Pierre Cordina. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li mmedjatament wara dik il-laqgħa, kienu ser jiltaqgħu magħhom dawn il-kerrejja sabiex jitkellmu dwar il-proġettt tagħhom. Is-Sindku qal li jħoss li jkun aħjar li jiltaqgħu mal-Kunsill kollu milli miegħu personali anke fid-dawl li hu bħala Sindku diġa għandu proġettat li l-pjazza u parti minn Triq Sciortino ikunu pedonali u l-aċċess bil-karozza jkun limitat ħafna.

Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal li din is-sitwazzjoni m'hiex ġusta għaliex illum fl-2021 mhux ġust li jibqa jitgawda permess antik fil-qalba tal-pjazza fejn hemm r-residenti u l-każini. Hu jħoss li għandha tinkiteb ittra lill-Awtorita tal-Ippjanar fejn il-kunsill jesprimi d-diżappunt tiegħu u tintalab li ssir rilokazzjoni tal-pompa għall-post aktar xieraq.

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li l-Infrastructure Malta ser tagħmel il-proġett tal-pjazza pedonali. Il-proġett ser jiswa Eur3 Miljuni u Infrastructure Malta ser tagħmlu għall-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ bħala klijent tagħha. Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal li jieħu

gost jilqa' aħbar tajba bħal din. Saqsa jekk kienx hemm xi korrispondenza bil-miktub dwar dan.

Il-Kunsillier Clive Azzopardi qal li flimkien ma' kunsilliera oħra, huwa kien preżenti għal-laqgħa li saret minn Graffiti jumejn qabel mar-residenti. Bħal ma qal il-Kunsillier Steve Zammit Lupi, il-Kunsillier Clive Azzopardi qal li għandna nitolbu li ssir ri-konsiderazzjoni u li jissemma leħen il-kunsill pubblikament. Huwa qal li dan importanti ħafna li jsir għaliex ir-residenti jridu li l-Kunsill jipproteġihom.

Il-Kunsillier David Battistino qal li jifhem li jekk il-pompa għandha d-dritt li topera, din għandha teżerċitah. Madanakollu jsostni li għandna niktbu sabiex din il-pompa tingħata post alternattiv.

Lejn l-aħħar tal-laqgħa kien hemm qbil unanimu mill-Kunsilliera preżenti li l-iffunzjonar ta' din il-pompa jmur kontra il-viżjoni li għandu l-Kunsill preżenti għall-pjazza pedonali u li għaldaqstant ser jibqa għaddej bil-pjanijiet tiegħu.

| | |
|---|---|
| **Dr. Malcolm P. Galea** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications, Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit, Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit), George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut**, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*